Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 668/2011AE

**Emanuel Ellul [I.D. 770955 M] f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti ohtu Maria Brincat**

**vs**

**Francis Ellul**

Il-Gimgha, 8 t'April 2016

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz tat-Talba tal-attur *pro et noe* li permezz tieghu talab lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar jordna lil huh konvenut ihallsu s-somma ta' mitejn u tmienja u tletin Ewro u hdax-il centezmu (€238.11c) bhala sehmu u sehem ohtu Maria Brincat (2/9) mill-awment ta' erbghin Lira Maltin (Lm40) fis-sena (awmentat minn sittin Lira Maltin (Lm60) ghal mitt Lira Maltin (Lm100) fis-sena) ta' garaxx gewwa Hal Luqa mikri lil terzi u dana ghall-perjodu mit-3 ta' Frar 1999 sat-2 ta' Awwissu, 2010. Dan wara li l-konvenut kien, *ad insaputa* ta' l-attur *pro et noe*, awmenta l-kera tal-garaxx imsemmi minn Lm60 ghal Lm100 izda huwa baqa' jghaddi s-sehem spettanti lill-attur *pro et noe* bil-kera antika. L-attur *pro et noe* talab ukoll il-hlas tas-somma ta' sebgha u sebghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€77.65c) bhala sehemu u sehem ohtu Maria Brincat (2/9) mill-kera tal-istess garaxx ghall-iskadenzi tat-3 t'Awissu 2010, tat-3 ta' Frar 2011, u tat-3 t'Awissu 2011;

Rat ir-Risposta tal-konvenut[1] li permezz taghha eccepixxa li (i) il-gudizzju mhuwhiex integru ghaliex il-konvenut huwa biss wiehed minn diversi eredi u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) l-ammont mitlub mhuwhiex dovut peress li huwa l-attur li ghandu jhallas lill-konvenut; (iii) fi kwalunkwe kaz, il-hlas pretiz huwa preskritt ai termini tal-artikolu 2156 (c) u/jew (f).

Rat il-Kontro-Talba tal-konvenut[2] li permezz taghha huwa talab lit-Tribunal jordna lill-attur ihallsu s-somma ta' elf seba' u tmenin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1087.23) hlas ta' arretrati ta' cens fuq il-fondi fi Triq Triganza, Luqa.

[1] Fol 6
[2] Fol 8

Rat ir-Risposta tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut[3] li permezz taghha huwa eccepixxa li (i) ma hemm ebda konnessjoni bejn it-talbiet tal-attur u l-kontro-talba tal-konvenut; (ii) il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156 (c) u/jew (f) tal-Kodici Civili; (iii) l-attur m'ghandu jaghti xejn lill-konvenut u fl-aghar ipotezi huwa ghandu dritt ifittex biss ghal sehmu.

Rat id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-24 ta' Gunju, 2015[4] li permezz taghha gie deciz hekk:

*"Illi t-Tribunal wara li ra l-affidavits u xhieda kollha u qara ukoll in-noti prezentati mill-partijiet ihoss illi l-pozizzjoni tal-attur pro et noe huwa aktar kredibbli u car u in vista tal-provi prodotti jaghmel hafna aktar sens. Ghalhekk arbitrio boni viri jaqta` u jiddeciedi billi jilqa' t-talba u filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat jichad il-kontro talba. Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut."*

Dan wara li l-istess Tribunal ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

i. Mix-xhieda jirrizulta li hemm zewg proprjetajiet – garaxx mikri lil terz ghall-hlas ta' LM60 fis-sena u kienet tithallas lill-konvenut Francis Ellul, kif ukoll dar residenzjali inkluz garaxx mikri lill-attur li kien ihallas lill-konvenut is-somma totali ta' Lm120;
ii. Din il-proprjeta' kienet kollha formanti parti mill-eredita' tal-genituri tal-atturi u tal-konvenut. Hemm disa' ahwa u kull wiehed kellu sehem ta' 1/9;
iii. L-attur kien jigbor il-kera tal-garaxx ghal tnejn minn hutu pero' kien ipaci mal-kirja li kellu jhallas hu ghad-dar u l-garaxx;
iv. Inqala' dizgwid ghax skont l-attur, il-konvenut awmenta l-kera tal-garaxx *ad insaputa* tieghu u ghalhekk pretenda sehmu u sehem ohtu ghall-perjodu relattiv;
v. Il-flejjes mitluba fll-Avviz tat-Talba u fil-Kontro-Talba huma fuq medda ta' erbatax -il sena. L-artikolu 2156 (c) u (f) gew sollevati miz-zewg partijiet. Izda in vista tat-tpaccija li kienet issir bejn il-partijiet it-talba u l-kontro-talba mhumhiex preskritti;
vi. Il-konvenut jippretendi li l-attur kellu jiehu passi kontra l-werrieta kollha u mhux biss kontra l-konvenut. Izda peress li jidher li l-konvenut kien jagixxi ghall-hutu kollha u kien hu li jigbor il-kera tal-garaxx minghand it-terz l-attur huwa gustifikat li jiehu passi kontra Francis Ellul biss.
vii. Il-pozizzjoni tal-attur noe hija aktar kredibbli u cara u in vista tal-provi prodotti taghmel hafna aktar sens.

Il-konvenut appella mis-sentenza. L-attur appellat wiegeb[5].

Il-Qorti rat l-atti.

---

[3] Fol 11
[4] Fol 95
[5] Fol 8

L-aggravji tal-appellant huma:

1. Nuqqas ta' integrita tal-gudizzju ghaliex hu kien biss wiehed mid-disa' eredi u ghaldaqstant il-werrieta kollha kellhom ikunu parti fil-kawza.
2. Dwar il-preskrizzjoni. L-appellat qieghed jitlob hlas ta' arretrati ta' kera dwar ament li qed jallega li ngabru, ghall-perjodu bejn it-3 ta' Frar 1999 sat-3 ta' Frar 2011. L-azzjoni tal-appellat hi preskritta skond l-Artikolu 2156(c) tal-Kodici Civili.
3. L-appellant talab hlas ta' arretrati ta' kera li l-attur naqas li jhallas tal-fond numru 17, Triq Trigance, Luqa u l-garaxx numru 19, Triq Trigance, Luqa kif ukoll arretrati ta' sehemu minn hlas ta' cens li l-eredi kienu jhallsu lil terzi fuq il-proprjeta tal-wirt. L-appellat ghandu jaghti lilu lill-eredi l-ohra s-somma ta' €494.

**L-ewwel aggravju: Integrita' tal-Gudizzju.**

L-appellant sostna sa mill-bidu nett tal-proceduri li l-gudizzju ma setax ikun integru peress li huwa kien biss wiehed minn disa' eredi u ghalhekk kellhom jitharrku l-eredi l-ohra wkoll. Il-flus tal-kera li kienu jingabru kienu jitqassmu bejn l-eredi kollha. L-eccezzjoni preliminari tieghu li fuqha huwa bazat dan l-aggravju taqra:

*"Illi l-gudizzju mhuwhiex integru ghaliex il-konvenut huwa biss wiehed minn diversi eredi u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju."*

Fil-fehma tal-appellant it-Tribunal kien zbaljat meta kkonkluda li la l-appellant kien imexxi l-affarijiet tal-familja allura kellu ragun l-attur li jharrek lilu biss. It-Tribunal qal hekk:

*"Il-konvenut qajjem ukoll bhala eccezzjoni l-fatt illi l-attur kellu jiehu passi kontra l-werrieta kollha u mhux biss lill-Francis Ellul li pero` jidher illi huwa hu li jmexxi l-kwistjoni tal-familja. Skont l-attur dan kien jagixxi ghall-hutu kollha u kien hu li jigbor il-kera minghand Charles Cassar. Illi ghalhekk t-Tribunal ihoss illi anke fil-kaz tal-integrita` tal-gudizzju l-attur huwa gustifikat jiehu passi kontra Francis Ellul almenu bhala dak li kien jiehu hsieb il-konteggi u l-qsim tal-kirja."*

Fir-risposta tal-appell[6] l-attur appellat irribatta li kien Francis Ellul li kien jigbor il-kera, jawmentaha kif joghgbu hu, u jiddeciedi ghal kulhadd lil min jghid u lil min le b'dan l-awment, u addirittura kien hu li jiddeciedi wahdu kif iqassam il-flus u partikolarment li ma jghaddix is-sehem spettanti lill-attur u lill-assenti ohtu Maria Brincat. Barra minn hekk bil-fatt ukoll illi l-appellant kien ghadda biex ipprevalixxa ruhu mit-talba principali ta' l-attur *pro et noe* u pprezenta kontro-talba meta allura ma kienux gew imharrka l-eredi kollha jfisser illi huwa ssokkomba ghall-gurisdizzjoni tat-Tribunal bil-mod u mal-manjiera kif gie adit.

---

[6] Paragrafu 1 a fol 8

Il-kera kienet ta' Lm60 fis-sena. Irrizulta li fis-sena 1999 il-kera zdiedet ghal Lm100 fis-sena. L-attur talab lill-konvenut li jhallsu d-differenza ta' sehemu u sehem ohtu Maria Brincat ghall-perjodu bejn it-3 ta' Frar 1999 sat-2 ta' Awissu 2010, cjoe' Lm8.80 kull sena.

Dan l-aggravju qieghed jigi michud ghar-raguni li l-konvenut (appellant) ghaliex ghall-qorti hu evidenti li fil-konfront tal-atturi, il-konvenut kien qieghed jiehu hsieb din il-materja. Fil-fatt l-attur kien jibaghat lill-konvenut il-hlas tal-kera li kien dovut minnu fir-rigward tad-dar u garaxx li jikri minghand il-werrieta, u minn dak l-ammont jnaqqas is-sehem li suppost kien qieghed jircievi minghand il-konvenut fir-rigward tal-garaxx mikri lil Cassar.

Il-qorti lanqas ma tifhem kif il-konvenut isostni li l-gudizzju m'huwiex integru meta fl-istess kawza harrek lill-attur sabiex ihallsu bilanc ta' kera fir-rigward tad-dar u garaxx li l-attur jikri minghand il-werrieta. Jekk il-gudizzju ma kienx integru ghall-azzjoni tal-attur mela lanqas ma kienx integru ghar-rikovenzjoni, ghaliex il-kera m'hijiex dovuta biss lill-konvenut. Ghall-qorti hu evidenti li kien il-konvenut li jiehu hsieb il-gbir u hlas ta' kera li tifforma parti mill-wirt, u ghalhekk il-gudizzju hu integru.

**<u>It-tieni aggravju: Preskrizzjoni</u>**.

Il-konvenut isostni li l-azzjoni tal-attur hi preskritta skond l-Artikolu 2156(c) u/jew (f) tal-Kodici Civili.

Fit-tieni eccezzjoni l-konvenut qal (fol. 7):

*"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub m'huwiex dovut peress illi huwa l-attur li huwa dovut ihallas lill-konvenut kif qed jigi spjegat fil-kontro-talba"*[7].

B'din l-eccezzjoni hu evidenti ghall-qorti li l-konvenut invoka t-tpacija. Dan jirrizulta wkoll mill-affidavit u l-kalkoli li ghamel Brian Tonna[8] fejn hemm dikjarat x'inhu dovut lill-attur, u fir-rigward ta' min il-konvenut qal:

*"…. Brian Ellul li hu wkoll werriet ghax ghandu sehem missieru li llum mejjet, jghinni fix-xoghol ta' kitba u kalkoli peress li jien ma tantx naf skola"* (fol. 56).

Eccezzjoni ta' preskrizzjoni m'hijiex kompatibbli ma' tpacija. Ukoll jekk wiehed ma jaqbilx li t-tieni eccezzjoni hi fil-fatt wahda ta' tpacija, fil-kalkoli li ghamel Brian Ellul hemm ammissjoni li hlas hu dovut lill-attur. Kalkoli li l-konvenut qal li jaqbel maghhom (ara l-ahhar paragrafu tal-affidavit tal-konvenut, fol. 56).

---

[7] Fir-rikonvenzjoni tissemma s-somma ta' €1,087.23 li eventwalment tnaqqset ghal €494 (fol. 72).

[8] Fil-kalkoli ta' Brian Ellul, mehmuza mal-affidavit tieghu, jinghad li l-attur: *"Ghandu jiehu: Lm4.4 x 2 = Lm8.8 x 11 years – Lm96.80 jew €225.48"* (fol. 61).

Ghalhekk hemm ammissjoni li l-attur hu kreditur. Gialadarba fil-kalkoli hemm ammissjoni li l-attur ghandu jircievi kera, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tirnexxi.

**<u>It-tielet aggravju: Meritu</u>**.

Fl-ewwel lok mic-cekkijiet li l-attur kien ihallas bihom lill-konvenut, tidher kredibbli l-verzjoni tal-attur li xehed:-

*"Jiena kelli l-prokura tal-assenti huti l-bniet Mary Brincat u ta' Annie Tonna (ricentement Annie Tonna nkarigat lin-neputi tieghi Brian Ellul). Allura mill-kera tal-garage mikri lil Carmelo Cassar jen kont nircievi minghand Francis Ellul is-somma ta' Lm20 fis-sena, u mid-dar residenzjali tieghi bil-garaxx anness maghha jiena kont inhallsu Lm80 fis-sena. B'sistema ta' tpacija jiena ghalhekk kont nghaddi lil hija Francis Ellul is-somma ta' Lm60 fis-sena. Proprjament kont naghtih Lm30 kull Frar, u peress li l-fondi taghna fi Triq G. Trigance, Luqa huma soggetti ghall-hlas tac-cens annwu u perpetwu fl-ammont ta' Lm18, kull Awissu kont inziedu Lm6 ghal sehemi u sehm iz-zewg huti bniet mic-cens u naghtih Lm36"* (fol. 19).

Il-qorti tosserva:-

i. Mir-ricevuti li pprezenta l-attur (ara fol. 41 *et seq*), jirrizulta li mis-sena 1999 il-kera li kien beda jhallas Carmelo Cassar zdiedet b'Lm40. Dan ifisser li ghall-perjodu 1999 sat-2 ta' Awissu 2010, sehem l-attur u Maria Brincat minn dan l-awment kellu jkun ta' **Lm102.22 (€238.12).** Ammont li ma jirrizultax li thallas lill-attur u li ghalhekk hu dovut lill-attur. L-istess m'hemmx prova li thallas sehemu u sehem Maria Brincat tal-iskadenzi tat-3 ta' Awissu 2010, 3 ta' Frar 2011 u 3 ta Awissu 2011 cjoe' **Lm33.33 (€77.65)**. Ghalhekk l-ammont pretiz mill-attur hu fil-fatt dovut.
ii. Bejn il-partijiet hemm qbil li c-cens li hu dovut mill-werrieta fuq l-art ta' Triq Triganz hu ta' Lm18 (€42) fis-sena. Hemm qbil ukoll li s-sehem li kellu jhallas l-attur kien ta' 3/9 (sehemu u s-sehem ta' hutu Maria Brincat u Annie Tonna) u cjoe' Lm6 (€14). Pero' mill-kalkoli ta' Brian Ellul jirrizulta li l-kalkoli tac-cens pretiz minghand l-attur imur lura ghas-sena 1993 sa 2002, meta m'hemmx prova li ghal dak il-perjodu l-attur ma kienx qieghed ihallas ic-cens. Il-konvenut jippretendi cens sas-sena 2011. Mill-provi rrizulta li l-ahhar cens li hallas l-attur kien fl-2009[9]. M'hemmx prova li hallas ic-cens ghas-snin 2010 u 2011. Jidher li fir-rigward tas-sena 2010 kien ghadu jirraprezenta l-interessi ta' Annie Tonna tant hu hekk li meta ddepozita l-kera, l-ewwel darba fir-rigward tal-iskadenza ta' Awissu 2010, iddepozita €93.17 li hu sitt partijiet minn disgha. Sitwazzjoni li nbidlet f'Awissu 2011. Pero ladarba m'ghadux jirraprezenta lil Annie Tonna, ic-cens li ghandu jhallas illum hu ta' tnejn

[9] Fil-fatt f'Awissu 2010 iddepozita fil-qorti l-kera tad-dar (fol. 33).

min-nies, cjoe' tieghu u tal-attrici, fl-ammont ta' **€18.62** li jkopri s-snin 2010 u 2011.

iii. Mis-sena 2003 sa Frar 2010, l-attur ghamel pagamenti b'total ta' Lm456 (€1,062.19). Ghal dan l-istess perjodu l-attur suppost hallas is-somma ta' Lm492 (€1,146.05)[10]. **Dan ifisser diskrepanza ta' Lm36 (€83.86)**. Hu veru li fil-kalkoli ta' Brian Ellul jinghad li b'sehh mill-11 ta' Frar 2008 l-attur ma baqax jigbor sehem Annie Tonna mill-kera tad-dar u garaxx filwaqt li l-attur illimita ruhu biex fl-affidavit ighid: *"ricentement Annie Tonna nkarigat lin-neputi tieghi Brian Ellul"*, pero' l-hlasijiet li kienu qeghdin isiru mill-attur permezz ta' cekkijiet sa Frar 2010 jindikaw pjuttost li kien ghadu mandatarju ta' ohtu Annie Tonna. Cekkijiet li jirrizulta li ssarrfu mill-konvenut u m'hemmx prova li f'dak iz-zmien li sar il-hlas kien qieghed jippretendi hlas ta' somma ikbar. Inoltre, fil-kalkoli li ghamel Brian Ellul fir-rigward tac-cens tal-art fi Triq Triganz, jirrizulta li minkejja li qal li fil-11 ta' Frar 2008 l-attur ma baqax mandatarju ta' Annie Tonna, xorta baqa' jikkalkola s-sehem li kellu jhallas l-attur fuq tlieta min-nies. Probabilment jekk ma baqax jigbor sehem Annie Tonna mill-kera tad-dar u garaxx, l-attur ma kienx baqa' nvolut f'affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' Annie Tonna.

iv. Ghalkemm fl-eccezzjonijiet ghar-rikonvenzjoni l-attur qal li l-konvenut ghandu semmai dritt li jfittex ghal sehemu, il-qorti ma taqbilx gialadarba hu stess kien ihallas lill-konvenut u mill-provi rrizulta li l-konvenut kien jiehu hsieb li tingabar il-kera u c-cens.

Fir-rigward tal-meritu kull ma qal it-Tribunal hu:

*"… wara li ra l-affidavits u xhieda kollha u qara wkoll in-noti prezentati mill-partijiet ihoss illi l-pozizzjoni tal-attur pro et noe huwa aktar kredibbli u car u in vista tal-provi prodotti jaghmel hafna aktar sens"*.

Il-qorti tistqarr li din m'hijiex motivazzjoni izda pjuttost konkluzjoni. It-Tribunal kellu d-dmir li jghid x'wasslu biex jaghmel konkluzjoni bhal dik. Il-qorti pjuttost tara li meta ssir dikjarazzjoni *in vacuo* bhal dik il-messagg li jkun qieghed jinghata hu li l-gudikatur ha t-triq il-qasira. F'dan il-kaz mill-provi stess li ressaq l-attur irrizulta li ma kienx hallas is-somma ta' €83.86. Ghalhekk m'hemmx dubju li ghal din is-somma r-rikonvenzjoni kienet gustifikata. Rikonvenzjoni li saret bl-intiza wkoll li tpaci l-kreditu pretiz mill-attur (Artikolu 396 tal-Kap. 12). Ghal kumplament il-konvenut ma ppruvax il-kaz tieghu.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-ewwel aggravju.**
2. **Tichad it-tieni aggravju.**

---

[10] Snin 2003 sa 2009 = Lm66 x 7 snin = Lm462 + Lm30 (l-ewwel skadenza tas-sena 2010) = Lm492. Ir-rikonvenzjoni b'riferenza ghall-kera tad-dar titratta l-perjodu bejn 2003 sal-ewwel sitt xhur tas-sena 2010 (ara rendikont li pprezenta Brian Ellul, fol. 71).

3. **Tilqa' parzjalment it-tielet aggravju u thassar dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-24 ta' Gunju 2015 li cahdet ir-rikonvenzjoni u minflok tilqa' l-istess limitatament ghas-somma ta' mija u zewg ewro u tmienja u erbghin centezmu (€102.48), liema somma ghandha tigi pacuta ma' somma ekwivalenti minn dak li hu dovut lill-attur. B'hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tlettax-il ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€213.29), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba (30 ta' Awissu 2011).**
4. **Ghal kumplament tikkonferma s-sentenza tal-24 ta' Gunju 2015, b'dan li l-ispejjez tal-ewwel istanza u tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 70% a karigu tal-appellanti u 30% a karigu tal-appellat gialadarba inghata ragun f'parti zghira mill-aggravji.**

Anthony Ellul.